

**DEĊIŻJONI (UE) 2015/644 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tal-15 ta' April 2015****dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni EGF/2014/018 GR/Attica broadcasting, ippreżentata mill-Greċja)**

IL-PARLAMENT U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit biex isostni lill-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu temmew l-attività tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 <sup>(4)</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG f'ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011).
- (3) Il-Greċja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji f'16-il intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 60 tan-NACE Rev. 2 (attivitàjiet ta' programmar u xandir <sup>(5)</sup>) fil-livell NUTS 2 fir-reġjun ta' Attica (EL 30) fil-Greċja, fl-4 ta' Settembru 2014 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst mill-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 5 046 000 għall-applikazzjoni mressqa mill-Greċja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 5 046 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>(2)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠUL 167, 29.6.2009, p. 26).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitàjiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠUL 393, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussel, il-15 ta' April 2015.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Z. KALNIŃA-LUKAŠEVICA

---